MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Numru. 438/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Kreaton Cutajar ta' 34 sena bin Carmel u Patricia nee` Xerxen imwieled Londra (Ingilterra) fis-27 ta' Lulju 2011 u joqghod 19 Alley 3 Brittania Squared Tarxien detentur tal-karta ta' l-identita` b'numru 600977M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fit-3 ta' Lulju 2011 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data, gewwa Rahal Gdid u f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat irriforma ruhu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02., l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkudannah ihallas multa ta' hames mitt euro (€500)) liema multa tista' tithallas f'ghaxar (10) rati mensili ta' hamsin euro (€50) kull wahda, bl-ewwel pagament ghandu jsir sal-ahhar ta' Novembru, 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------